# QORTI KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum, 4 ta' Frar, 2002.**

**Att ta' Akkuza nru. 16/2000**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Mario Sghendo**

Il-Qorti:

Rat is-sentenza preliminari taghha tat-18 ta' Jannar, 2002, li tghid hekk:

*"Rat l-Att ta' Akkuza nru. 16/2000;*

*"Semghet il-verdett tal-gurati moghti llum li bih unanimament sabu lill-imsemmi Mario Sghendo mhux hati skond l-ewwel kap tal-Att ta' Akkuza; bi tmien (8) voti favur u wiehed (1) kontra sabuh mhux hati skond it-tieni kap tal-istess Att ta' Akkuza; bl-istess vot, cioe` tmienja (8) favur u wiehed (1) kontra, sabuh mhux hati skond it-tielet kap tal-Att ta' Akkuza; izda sabuh unanimament hati skond ir-raba' kap tal-Att ta' Akkuza;*

*"Tiddikjara lil Mario Sghendo mhux hati ta' l-akkuzi migjuba klontra tieghu fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet kapi tal-Att ta' Akkuza, u minnhom tilliberah; izda tiddikjarah hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu fir-raba' kap tal-imsemmi Att ta' Akkuza, u cioe` hati talli kellu fil-pussess tieghu ir-raza tal-*cannabis *bi ksur tal-ligi;*

*"Semghet lill-Avukat Dott. Emmanuel Mallia dwar il-piena kif ukoll lill-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Mark Said; semghet bil-gurament lill-istess hati; hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluza l-fedina penali tal-hati;*

*"Peress li f'dana l-istadju il-Qorti hi tal-fehma illi jinhtieg li jinkiseb aktar taghrif fuq ic-cirkostanzi u l-ambjent tad-dar tal-hati qabel ma jigi deciz il-mod li din il-Qorti ghandha titratta mieghu;*

*"Rat l-Artikolu 13 tal-Kap. 152; tinnomina lill-Ufficjal tal-*Probation *Mariella Camilleri sabiex thejji* pre-sentencing inquiry report, *u tiddifferixxi l-kawza ghal nhar it-Tnejn, 4 ta' Frar, 2002 fit-3.30 pm sabiex jigi presentat l-imsemmi rapport, u sabiex il-Qorti tipprocedi ulterjorment fil-konfront tal-hati Mario Sghendo.*

*Il-hati qieghed jintbaghat b'garanzija flok taht arrest, u ghal dana l-fini huwa qieghed jerga' jitqieghed (cioe` ghall-finijiet tal-garanzija) fl-istess kundizzjoni li kien fiha minnufih qabel ma ddahhal fl-izbarra fil-bidu ta' dana l-guri.*

*"L-Ufficjal tal-*Probation *aktar 'l fuq imsemmija qed tinghata l-permess li tezamina l-atti kollha ta' din il-kawza.*

*"Komunika immedjata ta' dan il-provvediment lill-Ufficjal tal-*Probation *Mariella Camilleri."*;

Semghet, fl-udjenza tal-lum, lill-Ufficjal tal-*Probation* Mariella Camilleri li ppresentat u halfet il-*pre-sentencing inquiry report* taghha;

Semghet lill-Avukati Dott. Emmanuel Mallia u Dott. Giannella Caruana Curran ghall-hati, u lill-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Mark Said ghall-prosekuzzjoni; ikkunsidrat:

Qabel xejn din il-Qorti tibda biex tghid li r-rapport tal-Ufficjal tal-*probation* aktar 'l fuq imsemmija huwa wiehed dettaljat u ezawrienti, u jaghti stampa cara u akkurata tal-isfond socjali tal-hati. F'dan is-sens, rapporti bhal dawn huma dejjem ta' ghajnuna ghal din il-Qorti biex tasal ghall-konkluzzjoni taghha dwar x'inhi l-piena gusta fil-kaz konkret. L-avukati difensuri tal-hati, pero`, kkritikaw il-konkluzzjoni ta' dana r-rapport, u senjatament dik il-parti fil-konkluzzjoni fejn l-imsemmija Ufficjal tal-*probation* stiednet lil din il-Qorti "tikkonsidra li tikkundanna lil Mario Sghendo ghal piena ta' prigunerija pero` bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali ghal periodu kif jidhrilha xieraq u opportun". Skond l-imsemmija avukati difensuri, f'dan il-kaz m'ghandux ikun hemm piena ta' prigunerija, anke jekk sospiza, izda xi forma ta' provvediment iehor, bhal, per ezempju, provvediment taht l-Att dwar il-*Probation* tal-Hatjin.

Issa, ghalkemm huwa veru l-gudikabbli Sghendo instab hati biss ta' pussess tar-raza tal-*cannabis* ghall-uzu personali tieghu, huwa veru wkoll li hu kien ilu jabbuza minn din id-droga ghal madwar 18-il sena, kif del resto ammetta huwa stess meta ddepona fl-ahhar udjenza u kif jirrizulta mir-rapport imsemmi. Dana l-fatt – cioe` l-abbuz tar-raza tal-*cannabis* ghal periodu hekk twil ta' snin – ghandu l-gravita` tieghu, ghax ghalkemm huwa veru li l-hati kien jabbuza minn din id-droga wahdu u ma hemm ebda prova li hu qatt qasam din id-droga ma xi hadd iehor, il-hati kien, ghal periodu konsiderevoli ta' zmien, qieghed jghin fil-propagazzjoni tan-negozju ta' din id-droga billi jixtriha jew jakkwistaha regolarment. Ebda Qorti ta' Gustizzja Kriminali ma ghandha timminimizza l-gravita` tal-abbuz ta' droga, anke jekk din tkun il-*cannabis* u mhux xi droga ohra bhall-erojina jew il-kokajina. Din il-Qorti kienet tkun propensa li tapplika xi wiehed mill-provvedimenti tal-Att dwar il-*Probation* tal-Hatjin li kieku hawn si tratta ta' xi tifel zghir jew zaghzugh, mohhu fuq ir-rih, li fettillu ghall-darba jew darbtejn jesperimenta bil-*cannabis* – ghalkemm din il-Qorti hi tal-ferma konvinzjoni illi kieku certi zghazagh li jinqabdu bid-droga *cannabis* jintwerew mill-ewwel u bla titubazzjoni kif inhi cella tal-habs ghal ftit granet u jinghataw ghajnuna immedjata ghal xi malaggustament fil-hajja socjali taghhom, hafna minnhom zgur ma jigradwawx ghall-erojina u l-kokajina kif, sfortunatament, spiss jigri. Ghar-reat li Mario Sghendo nstab hati tieghu il-legislatur ipprovda ghal piena (meta din ghandha tinghata minn din il-Qorti)

minn minimu ta' tnax-il xahar sa massimu ta' ghaxar snin prigunerija u multa minn minimu ta' mitejn lira sa massimu ta' ghaxart-elef lira (Art. 22(2)(a)(ii), Kap. 101). Din il-Qorti hi tal-fehma, ghar-ragunijiet hawn aktar 'l fuq imsemmija, li f'dan il-kaz ghandha tapplika l-piena stabbilita mill-legislatur u li ma humiex indikati l-provvedimenti tal-Att dwar il-*Probation* tal-Hatjin.

Din il-Qorti, pero`, tapprezza wkoll li l-hati issa rrealizza l-izball tieghu, abbanduna kompletament l-abitudini tat-tipjip tal-*cannabis*, qed jaghmel hiltu kollha biex isib xoghol u, bil-partecipazzjoni tieghu fi gruppi ta' talb, diga rreveda l-prioritajiet f'hajtu (ara f'dan is-sens pagna 14 tar-rapport ta' l-Ufficjal tal-*Probation*). Din il-Qorti, ghalhekk, sejra taghtih l-opportunita` li jibqa' miexi fit-triq tajba li qabad, anke peress li hi sodisfatta li l-hati llum ma jippresenta ebda perikolu ghas-socjeta`. Il-Qorti tosserva li f'dan il-kaz tista' tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali (ara s-subartikolu (9) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101), u sejra ghalhekk tapplikahom.

Ghalhekk, wara li rat l-Artikoli 8(a) u 22(1)(a)(2)(a)(ii)(9) tal-Kap. 101, u l-Artikoli 14, 28A, u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lil Mario Sghendo ghall-piena ta' sena u seba' xhur prigunerija u multa ta' tlett mitt lira (Lm300); u, b'applikazzjoni tal-imsemmi Artikolu 28A tal-Kap. 9, tordna li l-imsemmija piena ta' sena u seba' xhur prigunerija m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk, matul il-periodu ta' tlett snin mill-lum, huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija; u kwantu ghall-multa, tawtorizzah ihallasha b'rati mensili ta' mhux anqas minn ghoxrin lira (Lm20) fix-xahar, bl-ewwel pagament dovut fil-11 ta' Frar, 2002, u bid-dekadenza mill-beneficcju tal-hlas rateali f'kaz ta' nuqqas ta' pagament anke wiehed biss; tikkundannah ihallas ukoll l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-ispizjar Mario Mifsud fi zmien gimghatejn mill-luim, liema spejjez jammontaw ghal disgha w ghoxrin lira u hamsin centezmu (Lm29.50c) (l-ispejjez tar-relazzjonijiet tal-Perit Albert Fenech u tal-perit tal-impronti digitali m'ghandux ihallashom il-hati peress li dawna jirrisulta li saru inutilment ghall-finijiet tal-kaz tal-prosekuzzjoni).

Fl-ahharnett din il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezibita taht l-awtorita` taghha f'dan il-kaz, liema distruzzjoni ghandha ssir mir-Registratur mhux aktar tard minn gimghatejn mill-lum; ir-Registraur ghandu jezibixxi fl-atti ta' din il-kawza *proces-verbal* bid-dettalji tal-process ta' distruzzjoni.

Il-Qorti spjegat bi kliem car lil hati r-responsabbilta` tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti matul il-periodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

IMHALLEF